# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA INNOCENT IX**





Giovanni ANTONIO FACCHINETTI de Nuce, imwieled gewwa Bolonja fl-20 ta' Lulju 1519 kiseb il-lawrea fil-gurisprudenza f'belt twelidu u fl-istess sena gie ordnat sacerdot. Wara esperjenzi li ha fuq diversi karigi li fihom kien afdat, huwa kien nominat isqof ta' Nicastro fejn wara li ghal 15 il-sena mexxa id-djocesi kellu jirtira minhabba motiv ta' sahha. Ha sehem fil-koncilju ta' Trentu u mis-sena 1566 sal 1572 kien Nunzju Appostoliku gewwa Venezja.

Fis-sena 1583 gie elevat ghall-kardinal u kien kollaboratur attiv ta' Girgor XIV. Wara gimghatejn, fid 29 ta' Ottubru, il-

konklavi ghazel lill-kardinal Facchinetti bhala s-successur ta' Girgor XIV. Hu ha l-isem ta' Innocent IX.

Malli tela' fuq t-tron ta' Pietru, huwa wera ruhu favur Spanja u kontra l-Francizi. Imma minhabba li marad serjament huwa ghadda il-pontifikat tieghu mixhut f'sodda. Tista' tghid li xejn ma ghamel ta' importanza ghax wara xahrejn biss ta' papat miet fit-30 ta' Dicembru 1591.